MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 143/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Veronica Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Veronica Brincat talli:

(1) fil-11 ta' Awissu 2004 u f'dati precedenti, f'B'Kara u f'postijiet ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm463.63 bi hsara tas-socjeta` bankarja Bank of Valletta u ta' Joseph Brincat;

(2) fl-istess cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamlet uzu minn tali skritturi u cioe` VISA Credit Card tal-BOV u dan ghad-detriment ta' l-istess Bank of Valletta u Joseph Brincat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmija Veronica Brincat, sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija b'dan li tali piena m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza l-istess Veronica Brincat tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Veronica Brincat ipprezentat fid-9 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti li hija tqis eccessiva. In materja ta' piena pero` l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Barra minn hekk, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat[2]

L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti tirrigwarda r-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi skond l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali li jgorr piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. It-tieni imputazzjoni mbaghad tirrigwarda r-reat ta' falsifikazzjoni skond l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali li jgorr mieghu piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (reat kontinwat) il-piena relattiva tista' mbaghad tizdied minn grad sa zewg gradi. M'hemmx dubbju ghalhekk li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet mhux biss entro l-parametri tal-ligi izda sahansitra aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Issa, dwar il-fattispecie tal-kaz kif spjegati fir-rikors ta' appell ma jidhirx li hemm kuntrast. L-appellanti tammetti li uzat il-*credit card* ta' zewgha izda tghid li dak li ghamlet

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

[2] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Jonathan Attard**, 26 ta' Mejju 2004.

ghamlitu ghax-xiri tal-bzonnijiet taghha u ta' uliedha u tat-tarbija naxxitur f'perijodu meta hi u zewgha kienu diga` qabdu t-triq tas-separazzjoni u zewgha kien waqaf milli jaghtiha manteniment. Tghid li hi dejjem iffirmat isimha fuq l-ircevuta tal-*credit card* hlief ghal darba wahda biss meta xtrat b'Lm1 cikkulata ghat-tifel u ffirmat b'isem zewgha. Skond l-appellanti jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji li ghandhom iwasslu ghall-applikazzjoni ta' piena minima u minkejja li l-ufficjal prosekutur qabel ukoll li jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9, il-piena nflitta kienet fil-fehma taghha eccessiva.

Mill-atti ma jirrizultax li l-ufficjal prosekutur kien qabel li ghandu jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Dak li jirrizulta mill-verbal tas-27 ta' April 2005 hu li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-appellanti kkooperat mal-Pulizija, fattur li gie kkunsidrat mill-ewwel Qorti bhalma dik il-Qorti kkunsidrat ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fatt li l-appellanti ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta taghha. Ghalhekk ma jidhirx li din il-Qorti tista' b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------